**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 243/21 AGV ;**

**AB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' AB** datat 11 ta' Gunju, 2021, fejn esponiet bir-rispett;

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fl-20 ta' Settembru 2004, gewwa l-Knisja ta' Giezu, il-Belt, Valletta;

2. Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza t'a kuntratt ta' separazzjoni datat 7 ta 'Dicembru 2010, fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa, u kopja tal-istess annessi mal-atti u mmarkat Dok "B";

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante illi l-partijiet ilhom ma jghixu fl-istess residenza ghal iktar minn sena u huma ghandhom hajja totalment separata u ndipendenti minn xulxin;

4. Illi m'hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti, fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex huma rrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolobu u jottjenu hlas ta' manteniment minghand xulxin;

5. Illi l-hlas ta' sehem ir-ragel mill-manteniment tat-tifel minuri DB, qieghed jigi mhallas regularment minnu kif miftiehem bejn il-partijiet;

6. Illi dawn il-fatti, jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabex il-partijiet jiksbu d-divorzju u dikjarazzjoni guramentata f'dan is-sens, rilaxxjata mill-esponenti , qed tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok "C"

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, jghogobh:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat mill-partijiet fl-14 ta' Gunju 2014;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi stabbiliti minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi, fir-Registru Pubbliku, u dan ai termini tal-Artikolu 66 A (4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-intimat ma oggezzjonax ghat-talba.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella** **Cettina Gauci**
**Imhallef** **Dep. Reg.**